# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 14**

**Rikors numru 8/2019/2 BS**

**Rosario Cortis**

**v.**

**Angelo Farrugia u Frances Farrugia**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fil-31 ta' Jannar, 2019, li permezz tiegħu ngħad hekk:

> "1. Illi permezz ta' kuntratt datat Ħmistax (15) ta' Frar elfejn u tnax (2012) in atti n-Nutar Joseph Tabone Angelo Farrugia martu Frances Farrugia iddikjaraw li huma solidalment bejniethom ikkostitwew rwieħhom veri, ċerti u likwidi debituri versu Rosario Cortis għas-somma ta' tmienja u tmenin elf sitt mija u wieħed u ħamsin Euro (€88,651) rappreżentanti flus mislufa brevi manu kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dokument "A";

2. Illi l-konvenuti kienu obbligaw ruħhom li dik is-somma kienetrestitwibbli bla imgħax fi żmien sitt xhur minn dik id-data liema somma kienet tonqos b tlieta u għoxrin Euro (€23) kuljum jekk titħallas qabel.

3. Illi l-konvenuti għamlu xi pagamenti iżda dan is-somma ta' tmienja u tmenin elf sitt mija u wieħed u ħamsin Euro (€88,651) baqgħet ma 2 thalsitx entro s-sitt xhur stipulati in atti l-kuntratt tan Nutar Joseph Tabone.

4. Illi ma' dan l-ammont stante li ma tħallasx fil-ħin hemm ukoll l-imgħaxijiet legali għaddejin bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%).

5. Illi l-ammont kollu dovut illum il-ġurnata mill-intimati huwa dak ta' mija u Ħmistax-il elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sebgħa u erbgħin Euro ċenteżmi (E115,249.47) li fih jinkludi l- imgħaxijiet u dan skond ir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala Dok B.

Illi nonostante interpellat sabiex jaddivjeni għall-likwidazzjoni u ħlas lura ta' dan il-bilanċ kumplessiv, anke permezz ta' ittra uffiċjali tat 13 ta' Frar 2018, u notifikata lil konvenuti fil-20 ta' Frar 2018, il konvenut baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-ligi.

Għaldaqstant l-attur jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri fil-konfront ta' Rosario Cortis fl-ammont ta' mija u ħmistax -il elf, mitejn u disgħa u erbgħin Euro u sebgħa u erbgħin Euro ċenteżmi (€115,249.47) għar-raġunijiet fuq indikati.
2. Tikkundannakom sabiex tħalsu lill-attur din l-istess somma flimkien mal-imgħax fuqha bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-preżentata ta' dawn il-proċeduri sad-data tal pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 84/2018 ppreżentata fit-13 ta' Frar 2018 li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti konjuġi Farrugia tas-26 ta' Frar, 2019, illi permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu miċħuda.

2. Mhux minnu li l-eċċepjenti huma debituri tal-attur fis-somma pretiża minnu f'din il-kawża. L-eċċepjenti diġa' ħallsu ammonti konsiderevoli b'rifużjoni tas-self somministrat lilhom mill-attur.

3. F'kull każ u mingħajr preġudizzju, kwalunkwe ħlas mitlub mill-attur b'din il-kawża huwa milqut minn kawza illeċita, u għalhekk mhux dovut.
4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

3. Rat il-kontro-talba ppreżentata kontestwalment mar-risposta ġuramentata mill-konvenuti rikonvenzjonanti Angelo u Frances konjugi Farrugia, illi permezz tagħha ddikjaraw u talbu s-segwenti:

"a. Illi jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 396 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għaldaqstant il-konvenuti Angelo u Frances konjugi Farrugia, illum rikonvenzjonanti, qiegħdin jipprevalixxu rwieħhom mid-dritt li jippreżentaw kontra-talba rikonvenzjonat.

b. Illi b'kuntratt tan-Nutar Joseph Tabone tal-ħmistax (15) ta' Frar elfejn u tnax (2012), l-esponenti konjugi Farrugia kkostitwew irwieħhom debituri favur l-attur rikonvenzjonat Rosario Cortis fis-somma ta' tmienja u tmenin elf sitt mija u wieħed u ħamsin ewro (Eur88,651), u obbligaw ruħhom li jħallsuha fi żmien sitt xhur, liema obbligazzjoni tinsab garantita b'ipoteka ġenerali.

c. Illi madankollu, din l-obbligazzjoni assunta mill-esponenti ġiet magħmula fuq kawża illeċita, għal kollox jew in parti, billi fl-ammont imsemmi ta' tmienja u tmenin elf sitt mija u wieħed u ħamsin ewro (Eur88,651) hemm inklużi kalkoli ta' imgħax b'rati ogħla mill-massimu permessi mil-liġi, u bi ksur tal-liġijiet penali, u għalhekk m'għandha ebda effett, għal kollox jew in parti.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikonvenzjonanti, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-obbligazzjoni tal-ħlas assunta mill-esponenti favur l-attur bil-kuntratt pubblikat min-Nutar Joseph Tabone tal-15 ta' Frar 2012 ma tiswiex, għal kollox jew in parti, minħabba f'kawża illeċita.

ii. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jaddivjeni għall-kuntratt korrettorju opportun;

iii. Tiffissa l-post, ġurnata u ħin għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku skond it-talba preċedenti;

iv. Tinnomina Nutar għall-pubblikazzjoni ta' listess kuntratt u kuraturi in rappreżentanza ta' l-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt.

Bl-ispejjeż kemm tat-talba rikorrenti kif ukoll tat-talba rikonvenzjonali tal-intimati rinkonvenzjonant kontra r-rikorrenti."

4. Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur Rosario Cortis għall-kontro-talba tal-konvenuti Angelo u Frances konjugi Farrugia, illi permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma assolutament infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti rikonvenzjonanti.

2. Illi preliminarjament t-talba rikonvenzjonanti hija preskritta għat-tenur tal-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16).

3. Illi ma huwix minnu li l-konvenuti rikonvenzjonanti assumew dejn b'kalkolu ta' imgħax għola mill-massimu permess mil-Liġi iżda kienu ben konsapevoli li l-ammont assunt kien dovut lill attur rikonvenzjonat.

4. Illi kif misjub fil-kuntratt in atti n-Nutar Dottor Joseph Tabone id-dejn tal-konvenuti huwa cert, likwidu u dovut.

5. Illi di piu' il-konjugi Farrugia assumew dak id-dejn permezz ta' kuntratt pubbliku in atti n-Nutar Dottor Joseph Tabone fil ħmistax (15) ta' Frar elfejn u tnax (2012) wara li dan l-istess kuntratt inqara lilhom, ġie spjegat il-kontenut tiegħu u ffirmawh volontarjament mingħajr ebda pressjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permessi mil-liġi.

Bl-ispejjeż."

5. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tas-27 ta' Mejju, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba u filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-attur fl-ammont ta' mija u ħmistax -il elf, mitejn disgħa u

erbgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€115,249.47) tikkundannahom iħallsu l-ammont hekk likwidat flimkien ma l-imgħax bir-rata ta’ 8% dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba u tal-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba.

Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.”

6. Dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“<u>Kuntratti</u>
1. Kuntratt: 22 ta’ Novembru 2007

B’kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 22 ta’ Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, il-konvenuti Angelo u Frances konjuġi Farrugia kkostitwew ruħhom bħala debituri ta’ l-attur Rosario Cortis fl-ammont ta’ Lm25,800 u ntrabtu li jħallsu dik is-somma fi żmien tmintax-il xahar mingħajr imgħaxx.

2. Kuntratt: 17 ta’ Mejju 2010

B’kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 17 ta’ Mejju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, il-konvenuti Angelo u Frances konjuġi Farrugia kkostitwew ruħhom bħala debituri ta’ l-attur Rosario Cortis fl-ammont ta’ €74,000 u ntrabtu li jħallsu dik is-somma mingħajr imgħaxx fi żmien sitt xhur, liema somma tonqos bi €23.00 kuljum jekk titħallas qabel.

3. Kuntratt: 15 ta’ Frar 2012

B’kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 15 ta’ Frar 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, il-konvenuti Angelo u Frances konjuġi Farrugia kkostitwew ruħhom bħala debituri ta’ l-attur Rosario Cortis fl-ammont ta’ €88,651 u ntrabtu li jħallsu dik is-somma mingħajr imgħaxx fi żmien sitt xhur, liema somma tonqos bi €23.00 kuljum jekk titħallas qabel.

Fuq l-istess kuntratt il-partijiet qablu li tiġi kostitwita ipoteka ġenerali fuq il-ġid kollu tagħhom.

Billi jidher illi l-konvenuti Farrugia baqgħu morużi fil-pagamenti, l-attur Rosario Cortis interpellahom b’ittra uffiċjali tat-13 ta’ Frar 2018 (Ittra Nru. 84/18) sabiex iħallsu s-somma mislufa fl-intier tagħha. Tajjeb jingħad illi fl-atti ma ġietx esebita kopja ta’ din l-ittra.

Il-Provi

Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi kien John Mallia li laqqa' lill-konvenuti mal-attur. Il-konvenut xehed illi dik il-ħabta u cioe fis-sena 2007 huwa investa fix-xiri ta' dar fin-Nadur bil-ħsieb illi jiżviluppaha, ibiegħha u jagħmel ċertu marġini ta' profitt minnha. Sabiex jiffinanzja dan il-proġett kien diġa ssellef xi flus mill-Bank iżda kien għad jonqsu s-somma ta' Lm13,000 biex jifdi l-proġett. Xehed illi l-Bank ma kienx dispost jisilfu aktar flus u għalhekk ried isib alternattiva. Billi fil-passat kien diġa ssellef xi flus mingħand John Mallia, il-konvenut reġa mar għand Mallia u talbu jisilfu l-ammont li kien jeħtieġ. Mallia xehed li dik il-ħabta kien introduċa lill-konvenut mal-attur u wara xi diskussjonijiet bejniethom l-attur offra li jislef lill-konvenut is-somma ta' Lm15,000. L-attur xehed illi l-għan tiegħu ma kienx purament dak illi jislef iżda illi jgħin lill-konvenut.

Sabiex ikun kopert l-attur ra li ssir kostituzjoni ta' debitu u għal dan il-għan qabbad lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex iħejji l-att relattiv. Il-partijiet, in-Nutar ikkonċernat u x-xhud John Mallia lkoll qablu li n-Nutar qara l-att qabel ġie ffirmat. In-Nutar xehed illi hu ma kienx ikun edott mill-ftehim bejn il-partijiet u lanqas ma kien jissindika r-raġuni wara s-self. Xehed illi hu kien sempliċement jabbozza l-att fit-termini li jgħidulu l-partijiet. Il-konvenuti kkonfermaw li fehmu għalxiex kienu qegħdin jiffirmaw u kkonfermaw ukoll illi l-firem fuq l-att huma tagħhom. Jgħidu pero' li kienu sorpriżi meta semgħu lin-Nutar jgħid illi l-kostituzzjoni ta' debitu kienet rappreżentanti self fl-ammont ta' €25,800 għaliex fil-verita' huma kienu sselfu s-somma ta' Lm15,000 u mhux Lm25,800. Minkejja dan, dak il-ħin iffirmaw mingħajr ma qalu xejn u mingħajr ma mqar ġibdu l-attenzjoni tan-Nutar għall-fatt li l-ammont misluf ma kienx dak indikat minnu fuq il-kuntratt. L-attur mill-banda l-oħra xehed illi s-somma ta' Lm25,800 kienet tinkludi fiha sia l-ammont miluf fis-somma ta' Lm15,000 kif ukoll l-imgħaxx fuq l-ammont misluf.

In-Nutar xehed illi l-flus ma ġewx mgħoddija fil-preżenza tiegħu. Il-konvenut xehed illi l-flus irċevihom dak inhar stess li ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu meta l-konvenut mar fl-appartament ta' John Mallia ġewwa Ħaż-Żebbuġ fejn dak inhar kien qiegħed jgħix anki l-attur. Xehed illi l-attur beda joħroġ il-flus kontanti minn postijiet strambi fosthom mill-fridge u minn cupboards.

Minkejja li l-ftehim kien li s-somma tintradd lura fi żmien sitt xhur mid-data tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, il-konvenuti baqgħu morużi. L-attur xehed illi fil-frattemp silef ammonti ulterjuri lill-konvenuti u fuq dawn l-ammonti wkoll komplew jiddekorru l-interessi bir-rata kummerċjali. In vista tal-morożita fil-pagamenti l-attur talab li jerġgħu jersqu sabiex jiffirmaw kuntratt ieħor ta' kostituzzjoni ta' debitu. Fis-17 ta' Mejju 2010 iffirmaw it-tieni kostituzzjoni ta' debitu għas-somma ta' €74,000. Sia l-attur u kif ukoll in-Nutar Tabone xehdu li kull kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien jikkanċella l-kuntratt

preċedenti. L-attur xehed ukoll illi l-ammont indikat fuq il-kuntratt kien jinkorpora ammonti mislufa u imgħaxxijiet. Żied jispjega illi l-ammonti żgħar li kien jislef lill-konvenuti kienu jkunu koperti b'kambjala. Meta kienu jiġu biex jiffirmaw kostituzzjoni ta' debitu, il-partijiet kienu jaraw x'ammonti kienu ġew mislufa, inaqqsu minnhom l-ammonti mħallsa u jikkapitalizżaw il-bilanċ rimanenti b'imgħaxx bir-rata kummerċjali. Xehed ukoll illi r-raġuni il-għaliex l-ammonti indikati fuq il-kuntratti huma figuri għad-dritt huwa dovut għall-fatt illi l-partijiet kienu jaqtgħu il-figura għad-dritt billi jgħollu jew inaqqsu ftit skont il-każ.

Il-konvenuti xehdu illi l-attur u John Mallia kienu qegħdin jippressaw għall-ħlas. Il-konvenuta xehdet li kienet titwerwer meta l-attur kien imur iħabbat fuq il-bieb tad-dartagħhom sabiex jitlob li jitħallas lura. Min-naħa l-oħra, il-konvenut xehed illi l-ewwel ħlas lura għamlu fis-sena 2015 u li qabel din id-data la kien beda jrodd lura l-kapital misluf u lanqas l-imgħaxx fuq din is-somma.

L-attur xehed illi f'xi żmien wara li kien ġie ffirmat il-kuntratt tas-17 ta' Mejju 2010, l-attur u John Mallia kienu marru fid-dar tal-konvenuti ġewwa l-Qala. L-attur baqa' mpressjonat bil-lussu ta' din l-abitazzjoni u xehed li fiha sab lift, pool area, pool house, u kumditajiet oħra. Il-konvenut madanakollu xehed illi dan mhu xejn minnu u li għalkemm hemm il-bokka tal-lift dan baqa' ma ġiex installat għar-raġuni li l-konvenuti jinsabu xotti mill-flus.

Minkejja l-morożita' fil-pagamenti, l-attur xehed illi kompla jislef ammonti ulterjuri lill-konvenuti. Isemmi l-ammont ta' €4,000, €7,000, €1,000 u €7,000. Rendikonti tal-ammonti mislufa ma ġewx ippreżentati fl-atti. Jirriżutaw biss riċevuti ta' pagamenti li għamlu l-konvenuti. Madanakollu l-attur xehed illi l-flus dejjem għaddihom lill-konvenut fil-preżenza ta' John Mallia u li saħansitra kienu jgħodduhom. John Mallia kkontradixxa lill-attur meta xehed li la ra flus jgħaddu mingħand l-attur għal għand il-konvenut u lanqas ma kien preżenti waqt l-għadd tal-flus. Mallia xehed li hu kien iservi ta' ntermedjarju bejn il-partijiet u ta' xhud meta kienu jiffirmaw xi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

John Mallia xehed ukoll illi l-attur xtaq illi jitħallas sabiex b'hekk jaqta' minn mal-konvenut biss minkejja dan kien baqa' jislef lill-konvenuti ammonti sostanzjali. Żied jgħid illi r-raġuni l-għaliex l-attur kien ikompli jislef il-flus lill-konvenuti kienet ġejja mill-fatt li Mallia kellu fiduċja fil-konvenut għaliex kien jara fih bniedem ħabrieki li kapaċi jirsisti biex jissalda d-debitu.

Fil-15 ta' Frar 2012 l-attur u l-konvenuti reġgħu ltaqgħu għand in-Nutar Tabone sabiex jiffirmaw it-tielet kostituzzjoni ta' debitu, din id-darba fl-ammont ta' €88,651. L-attur ippreżenta prospett fejn jindika li għall-perijodu dekors bejn il-15 t'Awwissu 2012 u l-31 ta' Awwissu 2015 l-imgħax fuq is-somma ta' €88,651 kien akkumula għas-somma ta' €21,578.12. Il-konvenuti ħallsu l-ewwel pagament ta' €1,000 fil-31

t'Awwissu 2015. Minn hawn 'il quddiem il-partijiet ftehmu li l-konvenuti jibdew iħallsu s-somma ta' €1,000 fix-xahar għall-perijodu kollu bejn Awwissu 2015 u Lulju 2016 u minn Lulju 2016 'il quddiem il-pagament kellu jitla għas-somma ta' €1,500 fix-xahar.

Mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta illi sal-14 ta' Lulju 2017 huwa kien ħallas lill-attur is-somma ta' €24,000. Xi żmien wara kien offra lill-attur li jħallsu s-somma ta' €42,000 rappreżentanti s-somma ta' Lm15,000 qua kapital misluf u nteressi dekorsi. L-attur xehed li minkejja l-proprosta li saritlu hu ma kienx aċċetta għaliex l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti kien ferm akbar mill-ammont li riedu jħallsu l-konvenuti. Il-konvenut kompla jixhed li l-attur saħansitra beda jirrifjuta ħlas permezz ta' cekk. L-attur xehed li kull meta rċieva ċekk mingħand il-konvenut hu dejjem aċċettah u sarrfu madanakollu, tressqu provi li juru li l-attur kien iħalli noti bil-miktub lill-konvenut fejn jgħidlu li l-flus issellifhom in kontanti u għalhekk ried iroddhom lura in kontanti.

Fix-xhieda tagħhom il-konvenuti jgħidu illi l-attur kien intimidanti fil-komportament tiegħu anki għaliex kien jheddidhom li l-flus lilhom mislufa kienu ta' terzi u li jekk ma jitħallsux it-terzi kienu ser jagħmlu ħsara lilhom u lill-familja tagħhom. Nonostante dan l-aġir allegatament intimidanti, il-konvenuti qatt m'għamlu rapporti dwar dan mal-pulizija eżekuttiva.

Il-konvenut kompla jixhed illi hu ssellef il-flus mingħand l-attur f'żewġ okkażjonijiet biss. L-ewwel ammont kien fis-somma ta' Lm15,000 waqt li t-tieni ammont kien għas-somma ta' Lm1,000 li l-konvenut uża sabiex iħallas għall-istudju biex jikseb kwalifikazzjoni sabiex jaħdem fuq pjattaforma taż-żejt. Minkejja dan, l-konvenuti xehdu li ffirmaw il-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu unikament sabiex jieqaf it-theddid. Il-konvenut xehed ukoll illi t-tieni kuntratt kienu rċevewh bil-posta u ma ffirmawhx qudiem in-Nutar waqt illi t-tielet kuntratt ġie ffirmat mill-konvenuta fid-dar tagħha fil-preżenza tal-konvenut. Il-konvenuti kkonfermaw li l-firem fuq it-tlett atti huma filfatt tagħhom.

Waqt li l-konvenut allega li d-debitu huwa kkaratterizzat minn self bl-użura, l-attur ċaħad kategorikament illi l-imgħaxx huwa ferm għola mir-rata kummerċjali.

L-attur xehed illi ma żamm ebda dokumentazzjoni li turi x'ammonti kienu qegħdin jiġu mislufa lill-konvenuti u meta. Fl-atti ġew esebiti biss kopji ta' riċevuti li l-attur kien iżomm fuq pitazz. Fuq dawn l-irċevuti kienet titniżżel id-data tal-pagament, il-bilanċ totali dovut, l-ammont tal-pagament u l-bilanċ rimanenti. Kull riċevuta tirriżulta ffirmata mill-attur, mill-konvenut u minn John Mallia. Mix-xhieda jirriżulta wkoll li kien hemm pagamenti li saru permezz ta' ċekk u għaliex iċ-ċekk huwa riċevuta fih innifsu, l-attur ma ħariġx riċevuta oħra għal dawk il-pagamenti.

Il-quantum tas-sorte pretiż fil-każ ta' llum huwa ammontanti għas-somma ta' €115,294.47 liema somma tinkludi l-kaptial misluf u l-imgħax bir-rata ta' 6% jew 8%.

L-attur qiegħed jippretendi wkoll il-ħlas tal-imgħax bir-rata ta' 8% sad-data tal-pagament effettiv.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Qabel tgħaddi għall-apprezzament tal-provi li tressqu, il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dawk il-punti ta` dritt li għandhom siwi fil=konsiderazzjoni tal-mertu ta` din il-kawza.

Diversi huma l-isfaċċettaturi tal-vertenza odjerna.

1. *Pacta Sunt Servanda*

Il-ftehim illi l-partijiet jilħqu bejniethom u li jikkristallizaw f'kuntratt jew kitba privata huwa l-espressjoni tar-rieda tagħhom. Isegwi illi meta fil-forma u fis-sostanza l-ftehim isir skont kif preskritt fil-liġi, dak il-ftehim ikollu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet tant illi dak il-ftehim jista' jinbidel biss bis-saħħa ta' ftehim ieħor bejn l-istess partijiet.

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Beacon vs Spiteri Staines" jinghad hekk –

> "*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*"

Fit-termini tal-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili:

> "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.*" (ara – "Depares noe vs O` Dea noe" – Appell - 25 ta` Gunju 1996).

2. *Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur*

Hija kopjuża l-ġurisprudenza li tirribadixxi u tenforza d-disposizzjoni tal-Artikolu 1002 tal-Kap 16 li fejn il-kliem ta` att mehud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni[1]. F'każ fejn jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni huwa l-ġudikant li għandu b'mod oġġettiv jislet l-intenzjoni tal-partijiet skont kif riflessa fl-att in eżami. Fejn il-konvenzjoni tirriżulta ċara u mill-volonta' tal-kontraenti liberament espressa, tirriżulta inekwivoka, mhux leċitu għall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha

[1] Sciberras Trigona vs Aneico, deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta` Ottubru 1883; John Zammit et vs Michael Zammit Tabona et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1987; Spiteri vs Borg, deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta` Novembru 2000.

motivazzjoni ulterjuri li la tirriżulta mid-diċitura tal-ftehim u lanqas minn ċirkostanzi oħra. Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in claris non fit interpretatio*, fejn is-sinjifikat tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volonta' tal-kontraenti ma jkunx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura sinjifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa : *in claris non fit interpretatio*.

Waqt illi bħala regola mhumiex ammissibbli provi li jmorru kontra dak imniżżel mill-partijiet, fis-sentenza fl-ismijiet Morana vs Spiteri et deċiża fis-26 ta' Mejju 1952, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat illi din ir-regola mhijiex waħda assoluta. Tlieta huma s-sitwazzjonijiet li joħolqu eċċezzjoni għal din ir-regola: meta l-att jiġi mpunjat minħabba simulazzjoni; jew meta l-att isir biex jitgħatta jew jinħeba l-att li realment ried isir mill-partijiet; jew meta l-Qorti tkun persważa li jkun sar żball fil-kuntratt. Fis-sentenza appena ċitata l-Qorti kompliet tgħid hekk:

> "*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali ...*
>
> *2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l- provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car ...*
> *3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att ...*
>
> *4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali ...*"

3. Konflitt ta` provi
Mill-provi huwa ben evidenti l-kunflitt tal-provi fejn il-partijiet fuq il-kostituzzjoni ta' debitu qegħdin ifornu verżjonijiet totalment differenti għar-raġunijiet li wassluhom għall-iffirmar ta' dak l-att.

Dwar il-kunflitt tal-provi, fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta` April 2003 fil-kawża fl-ismijiet Ciantar vs Curmi noe kien preċiżat illi –

> "*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi*

*b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*"

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u> deċiża fis-26 ta` Settembru 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

"*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew*

*`kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fattiessenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ; Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*"

Fis-sostanza l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti hija fis-sens illi l-iskritturi tas-17 ta' Mejju 2010, dak tal-15 ta' Frar 2012 u dak tat-22 ta' Novembru 2017 huma nulli stante illi bbażati fuq kawża illeċita.

Kawza Illecita`

Il-Kawża illeċita hija regolata mill-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili. Id-disposizzjoni taqra hekk:

"*L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m`għandha ebda effett.*"

L-Artikolu 990 tal-Kap 16 ifisser illi:

"*Il-kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku.*"

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Charles Bartolo vs Victor Chetcuti deċiża fit-13 ta` Gunju 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrilevat is-segwenti:

Il-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita` ta` kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista` tigi dedotta per via d`eccezzjoni u mhux mehtieg li, tigi dedotta b`azzjoni, u dana meta dik in-nullita` hija espressament stabbilita mil-ligi. Il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "Elena Agius vs Giuseppe Ciancio" - deciza fit-3 ta` Frar 1936 hekk esprimiet ruhha :-

*"Il-kelma nullita` hija uzata fix-xjenza guridika f`zewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta` "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta` "annullabilita"`, jigifieri meta l-kuntratt jew att iehor jista` jezisti u jibqa` jsehh sakemm ma jigix imhassar u mwaqqa` ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Il- gurisprudenza ta` dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta` nullita`, il-konvenut f`kawza jista` jqajjimha b`eccezzjoni, izda jekk hija wahda ta` annullabilita` hu ma jistax igibha `l quddiem hlief b`kawza separata `ad hoc`." Difatti huwa pacifiku li din in-nullita` tista` anke tigi sollevata mill-Qorti ex ufficio. (Pace et vs Agius et Vol XLID.p.684)*

*llli kif diversi drabi gie deciz minn din il-Qorti u mill-Qorti ta` l-Appell (ara ad es. sentenzi "Reman -vs-Papa" -21 ta` Marzu 1933 ; "Portanier -vs Overend" - 14 ta` Dicembru 1934; u "Smith -vs-Lawrence" - Qorti tal-Appell tal-15 ta` Mejju 1931) "jekk il-kawza tal-hlas tal-flus jew tal-oggetti ghandha rapport dirett mal-konkubinat (...) allura l-obbligazzjoni hija nulla ; jekk il-flus gew mislufa fi zmien il-konkubinat, imma bhala negozju indipendenti, allura huwa validu. Pero`, kif il-gurisprudenza taghna kemm estera, u d-dottrina wkoll dejjem irriteniet, dina hija kwistjoni unikament ta` fatt illi ghandha tkun ezaminata minghand il-gudikant f`kull kaz specifiku skont ic-cirkustanzi ta` dak il-kaz, ghaliex f`materja hekk delikata dawn ic-cirkustanzi jistghu jkollhom importanza deciziva fil-kwistjoni. Hekk f`din il-materja l-Venzi (Diritto Civile, No. 423) jghid:-*

*In generale la causa e` illecita quando e` contraria alla legge, al buon costume, all`ordine pubblico, quando cio` si verifichi nei singoli casi e` rimesso al prudente apprezzamento del giudice.*

*X`jigri jekk wiehed biss mill-partijiet ikun konsapevoli tal-illegalita` jew immoralita` ?*

*Id-duttrina tiddistingwi bejn il-kaz fejn l-illegalita` jew immoralita` hija unilaterali u fejn hija bilaterali. Jekk iz-zewg partijiet huma konsapevoli, allura japplika il-principju in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis : nemo auditur propriam turpitudinem alligans. Ghaldaqstant hija negata l-azzjoni liz-zewg partijiet mentri fejn l-immoralita` jew l-illegalita` hija biss ta` min jircievi l-flus (l-accipiens), u allura min qed jaghti il-flus huwa innocenti, rrestituzzjoni hija ammessa. Dan il-princjipju hu addottat mill-legislatur taghna fl- artikolu 991 tal-Kap 16.*

*Jekk jirrizulta ippruvat li s-somma mitluba hija konnessa mal-loghob tal-azzard, jew tirrizulta minn obbligazzjoni li titqies li hija nulla skont il-Ligi, ma jiswix li l-kreditur isostni li d-debitur ammetta id-dejn, jew li hallas permezz ta` cekkijiet ghaliex xorta japplikaw ir-regoli hawn fuq citati."*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Francis u Doris Buhagiar vs Ta' Natu Ltd, deċiża fis-17 ta' Marzu 2021, waqt illi għamlet referenza għall-ġurisprudenza in materia, il-Qorti tal-Appell għamlet xi osservazzjonijiet li għandhom siwi anki għall-każ in diżamina. Ingħad hekk:

"*19. F'dan ir-rigward huwa opportun li jinghad illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kuntratt bejn il-partijiet huwa milqut b'kawza llecita, gialadarba ghazlu li jiddikjaraw prezz differenti minn dak li effettivament thallas, dan ifisser li l-kontendenti fil-kawza kienu komplici fl-illecitu. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis it-talba attrici ta' danni naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali ladarba l-kuntratt in kwistjoni huwa milqut b'kawza illecita, ghaliex b'hekk hija tkun qieghda tirrendi ruhha komplici fit-twettiq ta' haga illecita. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet Raymond Mifsud v. Emanuel Magri:*

*Ladarba kien hemm ksur ta' ligi ta' ordni pubbliku, il-qorti ma tistax tqis dan il-ksur bhala xi haga irrelevanti. Iz-zewg partijiet kisru l-ligi, u ghalhekk ma jistghux issa jinqdew bil-ligi biex ifittxu rimedju kontra xulxin talli, ghax kiser il-ligi, xi wiehed minnhom mar minn taht. It-tnejn kienu komplici fl-illegalita' u ghalhekk issa l-ligi ma tghinhomx: kullhadd jibqa' b'li ha; in pari turpitudinis causa melior est causa possidentis."*

*20. Ghandu jigi enfasizzat il-principju li min jidhol f'negozju bil-hsieb li jqarraq bil-ligi, m'ghandux ikollu s-serhan tal-mohh li jekk in-negozju jmur hazin, ikun jista' jinqeda bil-ligi biex jiehu lura dak li tilef. Il-biza' li jibqa' minghajr il-harsien tal-ligi ghandu jservi ta' dizincentiv ghal min jigih il-hsieb li jaghmel negozju a skapitu tal-erarju pubbliku u ma ghandhiex tkun il-ligi stess li tnehhi dan id-dizincentiv ghal min ikun irid iqarraq biha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et. u dik ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri deciza fl-14 ta' Novembru, 1996). Kif rilevat ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1998, (Kollez. Vol. LXXXII.II.734) fl-ismijiet Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono*:

*"id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 987 u 991 tal-Kodici Civili mhumiex intizi biex jaghtu xi drittijiet jew vantagg lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'causa illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intiza bhala deterrent kontra l-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni."*

*21. Dan il-principju ta' kawza illecita kien trattat ukoll minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet Julia Borg et v. Carmel Brignone fejn inghad:*
*"Gie anzi kostantament ritenut illi f'dawn ic-cirkostanzi n-nullita' ta' l-obbligazzioni setghet tigi sollevata mill-istess Qorti ex officio. "Hija bla*

*effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza illecita' u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku' meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvinzjoni minhabba kawza llecita tista' tigi sollevata ex officcio." (Vol XLID.p.684 deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet Charles Pace et -vs- Philip Agius et).*

*'Illi 'rebus sic stantibus', kif logikament jikkonkludi Pacifici Mazzoni:- "Il giudice non puo' accogliere la domanda diretta ad ottonere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alla legge, benche' il debitore non apponga eccezione di sorta" (Istituzioni, Vol. ll. para 167) u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tissolleva 'ex officio' n-nullita' tal-kondizzjoni fuq migjuba u maghha n-nullita' tal-konvenzjoni relattiva." (Vol. XLIIIC.ii.646)".*

*Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, jsegwi li l-azzjoni attrici ghad-danni naxxenti min-nuqqas ta' adempiment ta' obbligazzjoni kuntrattwali da parti tas-socjeta` konvenuta ma tistax tirnexxi, in kwantu ladarba jirrizulta li l-attur appellat kien partecipi f'kuntratt li huwa milqut bl-illecitu, ma jistax issa jinqeda bil-ligi sabiex jittanta jfittex rimedju ta' danni kontra s-socjeta` konvenuta ghan-nuqqas taghha rizultanti mill-istess kuntratt. Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tirrileva li l-kuntratt ta' bejgh tas-17 ta' Lulju, 1989, huwa milqut b'kawza llecita, ma tqisx xieraq li tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u kif inghad qabel, kulhadd ghandu jibqa' b'dak li ha. Din hi materja ta' ordni pubbliku li l-Qorti tista', anzi obbligata, tissollevaha ex officcio*.

L-argument tal-konvenuti huwa fis-sens illi huma ma ssellfux l-ammonti li jissemmew fuq it-tlett kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu. Il-konvenut xehed illi hu ssellef il-flus mingħand l-attur f'żewġ okkażjonijiet biss, darba ssellef Lm15,000 u darb'oħra ssellef Lm1,000. Jgħid illi madanakollu fil-kuntratti tniżżlu ammonti ferm għola liema ammonti jirrappreżentaw interessi b'rati għola minn dawk permissibbli bil-liġi.

Skont il-kuntratti tas-17 ta' Mejju 2010, dak tal-15 ta' Frar 2012 u dak tat-22 ta' Novembru 2017 is-somma kapitali mislufa tidher illi kienet fl-ammont ta' €88,651.

Skont l-attur, matul iż-żmien kienu mislufa ammonti żgħar li meta hu kien jidhirlu li jkunu telgħu għal ammont sostanzjali kien jiġbor dawn l-ammonti f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ġdid. Kif diġa ingħad, l-attur xehed illi m'għandux rendikont ta' kull ammont żgħir li silef.

Minn eżami tat-tlett kuntratti, il-Qorti tosserva li fit-tlett kuntratti ġie mniżżel illi ebda imgħax ma huwa dovut. Il-Qorti tosserva wkoll illi fuq kull wieħed mit-tlett kuntratti, li għal darb oħra jerġa jiġi mtenni – ġie ffirmat mill-partijiet fil-kawża - ġie mniżżel terminu għar-restituzzjoni tad-debitu iżda ma tniżżlu ebda pattijiet u kondizzjonijiet għal dak li kellu jseħħ f'każ ta' morożita' fil-pagamenti entro t-terminu pattwit.

Lanqas ma tniżżlu kondizzjonijiet għar-rigward ta' jekk kellux jiddekorri imgħax, u jekk kellu jiddekkorri minn meta u b'liema rata. Fil-kawża tal-lum l-attur iżda jippretendi l-ħlas tal-imgħaxxijiet bir-rata massima permissibbli bil-liġi u cioe bir-rata ta' 8%. Jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess iżda li l-ammonti riflessi fil-kuntratti jinkludi mhux biss il-kapital iżda wkoll l-imgħaxxijiet li akkumulaw minn kuntratt għal ieħor. Mill-provi iżda jirriżulta li l-ebda waħda mill-partijiet ma ppreżentat xi prospett li turi l-ammont dovut qua kapital u l-ammont pretiż qua imgħaxijiet.

Din il-Qorti tosserva illi fil-kuntratti ġia msemmija lanqas ma hu rifless li minnufih mal-iskadenza tat-terminu għall-pagament jibda jiddekorri l-imgħax u kwindi jekk dak illi qiegħed jisħaq fuqu l-attur huwa minnu, allura dan ifisser li l-kuntratt qiegħed juri termini u kondizzjonijiet differenti minn dawk li ftehmu dwarhom il-partijiet.

Fil-kawża fl-ismijiet Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta` Jannar 2004 ingħad–

> "*Huwa pacifikament akkolt illi "fil-kaz ta` uzura gie dejjem ritenut li l-obbligazzjoni hija illecita ghall-mutwant, ghaliex il-vjolazzjoni tad-divjet tal-ligi hija maghmula unikament a favur tieghu u kontra l-interessi tad-debitur, li hafna drabi, jekk mhux dejjem, ikollu joqghod kontra l-volonta` tieghu" (Vol. XXX P I p 103) ;*
>
> *Ifisser ghalhekk li "kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" ("Neg. Lewis Formosa -vs- Antonio Gatt", Qorti tal-Kummerc, 20 ta` Novembru 1934 ; Kollez. Vol. XV pagna 583; u Vol. XVI PII p246*)"

In vista ta` dak li diga` rrilevat (supra) dwar il-prinċipju *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*, il-miktub jibqgħalu piż determinanti sakemm dak il-miktub ma jiġix fix-xejn bi provi univoċi u konklussivi, provi dawn li fil-każ tal-lum jispettaw lill-konvenuti.

Il-Qorti tirrileva illi għajr għal xi aċċenn 'l hemm u 'l hawn ma saret l-ebda prova determinati u konklussiva mill-konvenuti li tipprova l-eċċezzjonijiet tagħhom.

Huwa evidenti li l-oġġett ta` l-atti tal-kostituzzjoni ta` debitu kien self ta` flus li l-konvenuti jidher li użaw sabiex iħallsu d-dejn illi kellhom fuq il-proprjeta' li xtraw fin-Nadur.

Żgur illi hemm ħafna x`jingħad dwar dan is-self partikolarment għall-mod ta` kif ma nżamm ebda rendikonti tad-dovut. Huwa daqstant ieħor ta` tħassib il-fatt illi l-attur baqa` jislef il-flus lill-konvenuti minkejja li messu kien evidenti għalih illi l-konvenuti kienu qegħdin jgħerqu finanzjarjament.

Anke jekk l-attur xehed illi baqa` jislef il-flus għaliex ried jgħin lill-konvenuti, il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda persuna ma tislef flus lil ħaddiehor biex tgħinu u mbagħad fl-istess nifs tikkontradixxi l-buon animu tagħha u tgħabbih b`imgħax tali li tpoġġih f'sitwazzjoni finanzjarja aktar prekarja minn dik li jkun beda biha. Anzi għar minn hekk, bħal fil-każ odjern, tkompli tislifhom l-eluf u tkompli tgħabbihom b'aktar imgħax anki jekk evidenti li ma kellhomx flus biex jissaldaw id-debitu. Ma irriżultax illi l-attur kellu l-iskruplu li jieqaf jaħseb dwar is-sitwazzjoni u li jwaqqaf is-self f'ħin tempestiv.

Il-Qorti hija ferm perplessa dwarl-imġieba u l-motivazzjonireali tal-attur. Madanakollu, minkejja kemm tħassib għandha l-Qorti dwar dan is-self, jibqa' l-fatt illi l-konvenuti ma seħħilhomx jiskarikaw il-piż tal-prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom. Jallegaw illi s-self kien f'ammonti ferm iżgħar minn dak pretiż mill-attur, bid-diskrepanza tkun użura. Madankollu iżda, ma jirriżultax li kien hemm xi diffikulta' da parti tal-konvenuti kull meta ffirmaw il-kuntratti għaliex anki jekk jgħidu li kellhom xi eżitazzjoni xorta jibqa' l-fatt li ffirmaw b'konsapevolazza sħiħa tal-import tal-kontenut tal-kuntratti. Terġa u tgħid, iffirmaw mingħajr ebda riżervi.

Dan kollu premess, il-Qorti tirribadixxi illi hija obbligata tiddeċiedi abbażi tal-provi li jkollha quddiemha. Minkejja kemm tħassib jista' jkollha, id-deċiżjoni li tagħti ma tistax tkun motivata mit-tħassib jew perplessita'. Id-deċiżjoni trid tkun imsejjsa esklussivament fuq fatti ppruvati abbinati ma' prinċipju tad-dritt li l-Qorti diġa trattat aktar 'l fuq.

Magħdud dan kollu, il-Qorti sejra tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

B'żieda mat-talbiet tiegħu l-attur talab ukoll il-ħlas tal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 84/2018 datata 13 ta' Frar 2018. L-attur naqas milli jippreżenta kopja uffiċjali ta' din l-ittra, addirittura lanqas imqar kopja informali tagħha ma tirriżulta mill-atti. La darba din l-ispiża ma ġietx konfermata minn kopja uffiċjali ta' dik l-ittra, din l-ispiża mhix sejra tiġi akkordata.

Riferibbilment għall-kontro-talba, permezz tal-ewwel talba l-konvenuti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li l-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu huma msejsa fuq kawża illeċita'. Il-bqija tat-talbiet u cioe l-kundanna għall-pubblikazzjoni ta' att korrettorju huma kosegwenzjali għall-ewwel talba. Fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti, minħabba karenza ta' provi, qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u mhijiex issib illi l-kuntratti huma naxxenti minn kawża illeċita', ma hemmx lok illi tikkunsidra l-kontro-talba u l-eċċezzjonijiet sollevati mill-attur rikonvenzjonat għat-talbiet rikonvenzjonali."

7. Rat ir-rikors tal-appell ta' Angelo u Frances konjuġi Farrugia, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet u t-talbiet sollevati minnhom, tiċħad it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba; u minflok tillikwida l-ammont bilanċjali li jidhrilha li huwa dovut mill-konvenuti u tikkundannahom li jħallsu l-istess u dan bl-ispejjeż kollha tal-proċeduri kontra Rosario Cortis.

8. Rat ir-risposta ta' Rosario Cortis, li permezz tagħha wieġeb li, din il-Qorti għandha tiċħad l-appell intavolat mill-konvenuti kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali, tas-27 ta' Mejju, 2022, tikkonferma dik is-sentenza fl-intier tagħha u takkolla l-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni fuq l-appellanti.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

11. Illi permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed ifittex lill-konvenuti għall-ħlas tas-somma ta' €115,249.47, in kwantu s-somma ta' €88,651 rappreżentanti flus mislufa *brevi manu,* skont kif jirriżulta minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone tal-15 ta' Frar, 2012, filwaqt li l-bilanċ jirrapreżenta l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8%. Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 84/2018 ippreżentata fit-13 ta' Frar, 2018.

12. Il-konvenuti rriġettaw il-pretensjonijiet tal-attur li huma debituri tal-attur, peress li ħallsu ammonti konsiderevoli b'rifużjoni tas-self mogħti lilhom u li l-ħlas mitlub mill-attur huwa milqut minn kawża lleċita. Kontestwalment, il-konvenuti ppreżentaw kontro-talba fejn talbu lill-Qorti tiddeċiedi li l-obbligazzjoni tal-ħlas suġġett tal-kuntratt tal-15 ta' Frar, 2012, ma tiswiex, għal kollox jew f'parti minħabba kawża lleċita u għalhekk fost affarijiet oħra, talbu lill-Qorti tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jersaq għall-kuntratt korrettorju opportun.

13. L-attur rikonvenzjonat ċaħad il-pretensjonijiet tal-konvenuti riżultanti mill-kontro-talba u dan peress li jsostni li t-talbiet tagħhom huma preskritti skont l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili. Dan apparti li jiċħad li, il-konvenuti assumew dejn b'kalkolu ta' mgħax ogħla mill-massimu

permess mil-liġi u li l-konvenuti kienu ben konsapevoli tal-ammont dovut lill-attur, liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut, kif rifless fil-kuntratt pubbliku fl-atti tal-Nutar Dottor Joseph Tabone tal-15 ta' Frar, 2012, li huma ffirmaw għalih volontarjament mingħajr ebda pressjoni.

14. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet tal-attur u filwaqt li ddikjarat lill-konvenuti debituri tal-attur fl-ammont ta' €115,249.47, ikkundannathom iħallsu l-ammont hekk likwidat, flimkien mal-imgħax bir-rata ta' 8%, sad-data tal-pagament effettiv. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba u tal-eċċezzjonijiet għaliha. B'applikazzjoni tal-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12, ordnat li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

15. Il-konvenuti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tagħhom jissejjes fuq ħames aggravji:

(i) fl-ewwel aggravju, il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti applikat b'mod skorrett il-prinċipju ta' *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur.* Dan peress li jsostnu li mill-provi in atti jirriżulta li l-iskritturi ffirmati bejn il-partijiet ma kinux veritieri, in kwantu apparti li l-ammont indikat fl-iskritturi jinkludi ammonti li l-attur ma seta' jagħti l-ebda rendikont tagħhom, fl-istess skritturi kien jiġi nkorporat imgħax, minkejja

li jingħad mod ieħor fihom. Isegwi li dak li kien miktub fil-ftehim ma kellux mis-sewwa u dan waħdu kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex issib li kien hemm kawża lleċita. Dan peress li jsostnu li l-attur kien jagħmel dan sabiex ma jħallasx taxxa fuq il-qliegħ mill-imgħax, kif ukoll in-nuqqas li jiġi dikjarat sew l-ammont misluf u l-imgħax kellu jitqies bħala prova ta' użura, peress li l-ftehim kien qiegħed jipprova jilleġittimizza l-użura. Għalhekk il-ħtieġa li l-Qorti tara l-provi lil hinn mill-kuntratt sabiex tasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm tali użura u kawża lleċita. Isostnu li l-Qorti kellha tagħmel dan b'applikazzjoni tal-Artikoli 986 (2), 987, 990, 1852 u 1853 tal-Kodiċi Ċivili. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-fond dwar l-aspett ta' użura fl-eżami mwettaq minnha dwar kawża lleċita. Dan meta mill-ġurisprudenza ċitata minnhom jirriżulta li, huwa aċċettat li maż-żmien min jislef beda jsib mezzi permezz ta' kuntratti, sabiex jgħatti l-użura, inkluż li jiġi kammuffat l-ammont dovut, sabiex fih jassorbi imgħax aktar minn dak permess mil-liġi. Isostnu li l-liġi tagħti jedd lil min ikun parti għall-ftehim ta' self użurarju sabiex iħassru, minkejja li jkun assoġġetta ruħu għall-użura volontarjament, peress li tmur kontra l-prinċipju bażiku ta' ordni pubbliku. Għalhekk il-Qrati dejjem irrifjutaw li jagħtu t-timbru ta' validità lil kull tip ta' arranġament li manifestament, jew b'mod simulat, jista' jagħti dritt lil xi kreditur li jirreklama mingħand id-debitur lukri in eċċess tar-rata li tistabbilixxi l-liġi. Jinsistu li l-Ewwel Qorti kellha tiskarta dak li jirriżulta mill-kuntratti esebiti, peress li ma kinux veritieri u kienu ntiżi li jgħattu kawża lleċita.

(ii) It-tieni aggravju jitratta l-fatt li l-konvenuti jħossuhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti bbażat għal kollox id-deċiżjoni tagħha fuq il-kostituzzjoni ta' debitu datata 15 ta' Frar, 2012, minkejja li tressqu provi li fil-15 ta' Frar, 2012 ma kienx ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda minflok ġie ffirmat ftehim ieħor. Dan jingħad peress li jsostnu li dakinhar kien niżel Malta l-konvenut Angelo Farrugia waħdu, peress li l-konvenuta Frances Farugia ma riditx li tiġi mġegħla tiffirma ftehim ieħor, li jkun fih ammont kbir ta' użura. Kwindi jingħad li l-attur ħejja tliet karti identiċi fejn huwa kien qiegħed jaqbel li jnaqqas €23 għal kuljum mis-somma kollha jekk il-konvenuti jħallsu sas-16 ta' April, 2012, u peress li l-attur ried il-firma wkoll tal-konvenuta, il-konvenut ħa t-tliet kopji ta' ftehim id-dar, li kienu diġà ffirmati minnu, mill-attur u minn John Mallia (bħala xhud) biex tiffirma hi wkoll u l-konvenut żamm kopja għalih u ż-żewġ kopji l-oħra ħadhom lura Malta. Aktar tard, irċevew bil-posta, kopja tal-kuntratt tal-15 ta' Frar, 2012, fejn kien hemm miktub li huma debituri ta' Cortis versu s-somma ta' €88,651 minħabba self, iżda jsostnu li huma qatt ma ffirmaw dan il-kuntratt quddiem nutar. Isostnu li l-firem li saru fuq l-imsemmi kuntratt mhumiex tagħhom u li ma jagħmel l-ebda sens li fl-istess ġurnata jiġu ffirmati żewġ skritturi li jipprovdu għall-istess ħaġa. Jisħqu li l-Ewwel Qorti żbaljat, meta qalet li l-konvenuti ffirmaw l-imsemmi att mingħajr riżervi u li fi kwalunkwè każ, l-att huwa milqut bl-użura u li għalhekk ma jagħti l-ebda dritt lill-attur jeżiġi l-ħlas ta' ammont hekk kbir

ta' użura kif qiegħed jittanta jagħmel. Għalhekk dan l-att huwa bla effett fil-liġi.

(iii) It-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti jitratta l-fatt li, minkejja li l-Ewwel Qorti osservat li kull wieħed mit-tliet kuntratti ffirmati mill-partijiet fil-kawża ma tniżżlu l-ebda kundizzjonijiet dwar dak li kellu jseħħ f'każ ta' morożità fil-pagamenti fiż-żmien pattwit, jew xi kundizzjonijiet dwar jekk kellux jiddekorri mgħax minnufih mal-iskadenza tat-terminu għall-pagament u b'liema rata, xorta straħet fuq ir-rendikont tal-attur. Inoltre, osservat ukoll li l-attur stess xehed li l-ammonti riflessi fil-kuntratti kienu jinkludu mhux biss kapital, iżda wkoll imgħaxijiet li akkumulaw minn kuntratt għal ieħor. Dan mingħajr ma kkunsidrat il-prinċipji legali dwar (a) ir-rata ta' mgħax li tista' tiġi applikata u (b) l-prinċipju li m'għandhomx jiddekorru interessi fuq interessi. Isostnu li ġaladarba l-kuntratt datat 15 ta' Frar, 2012, fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone ġie miftiehem biss li s-somma ndikata kienet restitwibbli bla imgħax fi żmien sitt xhur u naqsu milli jindikaw kemm kellha tkun ir-rata tal-imgħax, skont l-Artikolu 1854, wara sitt xhur kellha tiġi applikata r-rata ta' 5% fis-sena. Għalhekk l-imgħax kif kalkolat mill-attur u kif aċċettat mill-ewwel Qorti huwa eċċessiv. Inoltre, jisħqu li skont il-liġi u l-ġurisprudenza, sabiex jgħaddu l-interessi fuq l-interessi, kien meħtieġ li wara li l-interessi jkunu dovuti għal mill-inqas sena, jkun hemm ftehim jew issir talba ġudizzjarja, affarijiet li ma sarux mill-attur qabel kull ftehim, in kwantu l-partijiet ma għamlu l-ebda ftehim dwar il-kapitalizzazzjoni tal-interessi qabel ma ġiet ippreżentata l-

kawża u lanqas saret talba ġudizzjarja. Għalhekk itennu li l-attur ma kienx ġustifikat li jikkalkula mgħax fuq l-imgħax bejn pagament u ieħor, kif għamel l-attur fir-rendikont ippreżentat minnu, iżda dan seta' jsir biss fir-rigward tal-imgħax li jiddekorri minn sena għal oħra. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti ppremjat lill-attur għall-kalkoli ħżiena li għamel billi kkundannathom iħallsu mgħax fuq imgħax. L-appellanti jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti tefgħet it-tort fuqhom talli naqsu milli jippreżentaw prospett, mentri jtennu li ladarba l-ammont misluf lilhom fit-22 ta' Novembru, 2007, kien ta' Lm15,000, l-imgħax kellu jiddekorri minn dakinhar għall-finijiet tal-liġi u d-differenza mitluba mill-attur hija użura. Mentri l-konvenuti appellanti jilmentaw li l-attur ma setax jippreżenta prospett, altrimenti kien jinkixef li s-self mogħti minnu kien bl-użura, peress li kien jikkapitalizza l-bilanċ b'rata ta' mgħax ogħla minn dak permessibbli mil-liġi, li huwa kontra l-liġi.

(iv) Il-konvenuti appellanti jħossuhom aggravati wkoll, bil-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li ma temminx il-verżjoni tal-konvenuti li l-ammont attwalment misluf lilhom kien dak ta' Lm15,000, liema ammont ġie misluf lilhom f'okkażjoni waħda. Jispjegaw li minkejja d-diffikultà tagħhom li jippruvaw dan, peress li ma kienx hemm skrittura, *bank transfer* jew ċekk li seta' jitressaq in sostenn ta' dak li xehdu ġaladarba ssellfu flus kontanti u għalhekk setgħu jistrieħu biss fuq dik ix-xhieda. Min-naħa l-oħra, ix-xhieda mressqa mill-attur, jiġifieri n-Nutar u John Mallia stqarrew li ma rawx b'għajnejhom il-flus mislufa jgħaddu bejn il-partijiet u dan

kuntrarjament għax-xhieda mogħtija minn bint il-konvenuti, li kienet l-aħjar prova li setgħu jipproduċu fiċ-ċirkostanzi.

(v) L-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti huwa li, filwaqt li l-Ewwel Qorti dehret konvinta li l-ammont mitlub mill-attur ma jirriflettix il-verità tas-somma mislufa u lanqas ħasset li l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw sew li verament issellfu Lm15,000 mingħand l-attur, hija ma dehrilhiex li kellha tistabbilixxi hi stess *arbitrio boni viri* l-ammont li kellu jitħallas, li seta' bejn wieħed u ieħor jirrifletti l-verità tal-fatti, sabiex la l-konvenuti ma jiġu misruqa bis-self użurarju u lanqas l-attur ma jiċċaħħad mill-flus dovuti lilu. Issir referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li, għandha ssir likwidazzjoni fuq bażi ekwitattiva meta ma jkunx possibbli li wieħed jistabilixxi preċiżament dak li jkun dovut lill-attur, f'dawk il-każijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi preċiżjoni l-ammont dovut. Għalhekk isostnu li fin-nuqqas ta' konvinzjoni dwar il-verżjoni ta' kull waħda mill-partijiet, l-Ewwel Qorti kellha hija stess tiddetermina *arbitrio boni viri,* l-ħlas pagabbli lill-attur.

16. L-attur appellat iwieġeb għal dawn l-aggravji, billi jirrileva s-segwenti:

(I) B'referenza għall-ewwel aggravju, l-attur appellat iwieġeb li b'rabta mal-prinċipju *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur,* il-provvediment tal-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 fejn il-kliem ta' att meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, m'hemmx lok ta' interpretazzjoni u

ssir referenza għall-ġurisprudenza kopjuża f'dan is-sens. Huwa f'każ fejn jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni, li l-ġudikant għandu b'mod oġġettiv jislet l-intenzjoni tal-partijiet, skont kif riflessa fl-att in eżami. Fejn il-konvenzjoni hija ċara u inekwivoka, mhuwiex leċitu għall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li ma tirriżultax la mill-ftehim u lanqas minn ċirkostanzi oħra u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju *in claris non fit interpretatio.* Kwindi għalkemm il-konvenuti jisħqu li dak li hemm miktub fl-iskritturi u l-kuntratti ma jirriflettix il-verità, huma stess ikkonfermaw li ssellfu l-flus u aċċettaw li jiffirmaw dawk l-atti mingħajr ebda vjolenza jew theddid. Kwindi jistaqsi kif il-konvenuti wettqu żball tliet darbiet. Jisħaq li r-rata ta' mgħax applikabbli ma teċċedix l-ogħla rata permessa mil-liġi u l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-attur ma kienx ser iħallas taxxa hija bla bażi u mingħajr prova u tixhed id-disperazzjoni tal-konvenuti. Il-partijiet ikkonkludew u ffirmaw bejniethom l-iskritturi tat-22 ta' Novembru, 2007 u tas-17 ta' Mejju, 2010, qabel ma kkristallizzaw kollox, permezz tal-kuntratt tal-15 ta' Frar, 2012, li jirrifletti l-espressjoni tar-rieda libera tagħhom. Kwindi jisħaq li l-ftehim għandu saħħa ta' liġi bejn il-partijiet, tant li dak il-ftehim jista' jinbidel biss bis-saħħa ta' ftehim ieħor bejn il-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi u f'dan is-sens issir referenza għall-Artikoli 992 u 993 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll għall-ġurisprudenza estensiva fir-rigward. F'din il-kawża l-attur qiegħed jinforza ftehim kuntrattwali validu u għalhekk it-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa.

(II) In kwantu fit-tieni aggravju l-konvenuti appellanti jikkontendu li ma kienx ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda minflok ġie ffirmat ftehim ieħor, l-attur appellat jagħmel referenza għax-xhieda tan-Nutar Joseph Tabone, bħala waħda imparzjali, peress li m'għandu l-ebda interess f'dawn il-proċeduri. L-allegazzjonijiet tal-konvenuti huma bla bażi u li kieku tassew kellhom dubju dwar l-awtentiċità tal-firem tagħhom, kienu jitolbu l-ħatra ta' espert tal-kalligrafija, mentri fil-mori tal-proċeduri l-istess konvenut xehed li huwa ffirma dawn l-iskritturi u li kien jaf għalxiex kien qiegħed jiffirma, iżda l-kontestazzjoni kienet dwar l-ammont oriġinarjament misluf lilu. Minkejja li l-konvenuti appellanti jgħidu li l-ammont misluf kien ta' Lm15,000 u mhux ta' Lm25,000, fl-istess waqt il-konvenut xehed li l-iskrittura tal-2007 ġiet moqrija lilhom u ffirmaha minn rajh. Kwindi kien hemm aċċettazzjoni ta' dak redatt fl-istess skrittura. Issir referenza estensiva għax-xhieda mogħtija mill-konvenut quddiem l-Ewwel Qorti. Minkejja li l-konvenuta tgħid li ma ffirmatx skrittura minnhom, il-provi juru mod ieħor. Dan apparti li l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa.

(III) In kwantu għar-rata ta' mgħax l-attur appellat ifisser li, l-imgħax huwa dovut mill-15 ta' Awwissu 2012, peress li l-ewwel sitt xhur biss kienu mingħajr imgħax. Mentri r-rata ta' mgħax dovuta għal min ikun moruż fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu hija stabbilita mil-liġi u sakemm ma jkunx hemm ftehim li jidderoga minn dik ir-rata, mhux permessibbli li l-ġudikant

jirriduċi r-rata għal perċentwal inqas minn dak stabbilit mil-leġislatur. Dan apparti li l-attur appellat ippreżenta ittra uffiċjali 84/2018 fit-13 ta' Frar, 2018, fejn ressaq talba ġudizzjarja għall-ħlas tas-somma mislufa, flimkien mal-imgħax u għalhekk kien hemm il-kapitalizzazzjoni tal-interessi. F'dak iż-żmien li ġiet ippreżentata dik l-ittra, l-imgħaxijiet kellhom jingħataw għal żmien ta' aktar minn sena u għalhekk ir-rekwiżit taż-żmien ġie rispettat.

(IV) Dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll, peress li l-aħjar prova huma l-ftehim u l-kuntratt iffirmati mill-partijiet fil-kawża. Huma dawk l-atti li jirriflettu s-self li sar. In-Nutar Tabone xehed kif l-atti kollha ġew moqrija u spjegati u li l-partijiet għażlu liberament li jiffirmawhom. Il-konvenuti kellhom kull opportunità li ma jiffirmawx l-atti u li jitolbu korrezzjoni fil-figuri jekk dawn ma kenux minnhom. Dawn l-atti ċertament huma prova aqwa mix-xhieda ta' persuna li kellha disa' snin meta seħħew il-fatti u li l-Ewwel Qorti kellha l-okkażjoni li tisma' u tara l-atteġġjament tagħha u ddeċidiet li tiskartaha.

(V) L-attur appellat iħoss li l-ammont mitlub minnu ġie suffiċjentement ippruvat u allura ma kienx meħtieġ li jsir l-ebda eżerċizzju da parti tal-Qorti sabiex jiġi determinat l-ammont dovut lilu. Il-konvenuti appellanti jaċċettaw li huma debituri tal-attur, iżda għadhom jisħqu li tkun il-Qorti li tiddetermina l-ammont dovut. L-Ewwel Qorti kienet konvinta mill-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-attur u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti, jekk mhux biss għal xi motivi gravi u ċirkostanzi eċċezzjonali. Issir referenza għall-

ġurisprudenza f'dan is-sens. F'dan il-każ jingħad mill-appellat li motivi gravi u ċirkostanzi eċċezzjonali ma jeżistux . Dan apparti li l-konvenuti qatt ma ressqu rendikont tal-ammont li jingħad li huwa dovut minnhom. Għajr għall-ittra datata 18 ta' Lulju, 2017, fejn il-konvenut offra l-ħlas ta' €25,000 u x-xhieda tiegħu li kien offra li jħallas €42,000, qatt ma ġiet indikata figura mill-konvenuti. Min-naħa l-oħra, l-attur fisser u esebixxa rendikont ta' kif wasal għall-pretensjonijiet tiegħu u indika l-pagamenti kollha magħmula mill-konvenuti, li juri li l-konvenut irid biss dak li hu tiegħu. Għalkemm il-konvenuti jaċċettaw li huma debituri tal-attur, jikkontestaw l-ammont reklamat mill-attur u jitolbu lill-Qorti sabiex tiddetermina hi l-ammont dovut. Mill-provi jirriżulta li l-ammont dovut huwa dak ta' €115,249.47, in kwantu s-somma ta' €88,651 rappreżentanti l-kapital, skont kif jirriżulta mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-15 ta' Frar, 2012, filwaqt li l-bilanċ ta' €26,598.47 huwa l-imgħax, kif jirriżulta mir-rendikont immarkat bħala Dok. B, anness mar-rikors promotur. Dan apparti mgħax addizzjonali bir-rata ta' 8% fuq il-kapital mid-data tal-preżentata ta' dawn il-proċeduri sad-data tal-pagament effettiv. Kwindi l-attur appellat isostni li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu milqugħa u l-kontro-talba tal-konvenuti għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, minkejja li l-pretensjonijiet tal-attur appellat huma bbażati fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li jixhed li l-konvenuti ddikjaraw ruħhom bħala debituri tal-attur fis-somma ta' €88,651 minħabba self, kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, għalkemm ir-regola hija li mhumiex ammissibbli provi li jmorru kontra dak imniżżel mill-partijiet, u dan fuq il-prinċipju li l-ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi, il-prinċipju *contra scriptum testimonium non feritur*, m'huwiex wieħed assolut u jista' jkun soġġett għall-eċċezzjonijiet. (Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Morana v. Nutar Dr Joseph Spiteri et** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 1952, Kollez. Vol. XXXVI.I.119, ċitata mill-Ewwel Qorti.) Hekk per eżempju, ġie ritenut li din ir-regola ma tapplikax fejn l-att miktub ġie attakkat minħabba simulazzjoni. Il-fatt li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien redatt minn nutar, ma jfissirx li dak il-kuntratt mhuwiex wieħed sindakabbli. Ġaladarba l-konvenuti jibbażaw id-difiża tagħhom fuq kawża illeċita - l-użura, li tmur kontra l-liġi, peress li s-somma ddikjarata tinkorpora fiha mgħax b'rati ogħla minn dak li tippermetti l-liġi, kif osservat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża **Farrugia v. Direttur tas-Sigurta` Socjali**, deċiża fid-19 ta' Ottubru, 2005, *"Il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi illeċita għaliex projbita mil-ligi, u hija llecita fil-konfront tal-mutwant*."

Kwindi huwa meħtieġ li din il-Qorti tidħol fl-isfond li fih sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm ġie dikjarat fil-kuntratt li s-somma ta' €88,651 kienu flus mogħtija b'self, mill-provi rriżulta li dan mhuwiex għal kollox minnu. Irriżulta li bejn il-kontendenti fil-kawża kien hemm tliet skritturi, l-ewwel waħda kienet dik tat-22 ta' Novembru, 2007. L-ewwel kontestazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawża hija li filwaqt li l-attur jsostni li silef lill-konvenuti s-somma ta' Lm25,800, il-konvenuti jisħqu li s-somma mislufa kienet dik ta' Lm15,000. Iżda lil hinn minn din il-kwistjoni, li ser tiġi trattata aktar 'il quddiem, meta l-attur kien mistoqsi dwar dan l-ammont misluf waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar, 2021, huwa xehed hekk:

> "Avukat: "*Għaliex tajthomlu mingħajr imgħax?"*
>
> Xhud: "*<u>Probabilment li konna ħdimna l-imgħax fuq sena u nofs u għamilnihom mas-somma</u>."* (ara fol. 120) (Sottolinjar ta' din il-Qorti)
> ...
>
> Avukat: "*...Issa intom iffirmajtu tlett darbiet, fl-2007, fl-2010 u fl-2012. ,,,minn waħda għall-oħra, ngħid sewwa li kull darba għamiltu l-istess ħaġa mhux għax kont iżżidlu l-flus li kont qed tisilfu, imma għaliex kontu qegħdin iżżidu l-imgħax jew xi ftehmtu li se jtik extra u tinkludih ma' l-ammont. Int darba selliftu, l-ewwel darba iżda fiż-żewġ skritturi l-oħrajn, l-ammont baqa' jiżdied għax qagħdtu tikkalkulaw l-imgħaxijiet.*
>
> Xhud: "*Le.Le. Fl-affidavit tiegħi hemm li bejn is-self kien jerġa' jiġi u nsellfu ammonti żgħar u jibda jħallasni b'pagamenti però ma jkunx laħaq għamilhom kollha allura qabel ma' mmorru għal skrittura oħra konna naraw per eżempju x'baqa' jagħtini, jien naf 3,00, 2,550, 4,000* ***nagħmluhom flimkien u nagħmlu l-imgħax*** *u nagħmlu skrittura biex nitilqu minn hemm 'il quddiem."* (fol. 122)
> ...
> Xhud: ***"...l-kambjala tkun għandi, dik kienet tispiċċa u ngħidu mela baqagħlu jagħtini 2,500 per eżempju, plus mas-somma plus***

> ***l-interessi għal sena u nofs u għand in-nutar immorru u ngħidulu tant."*** (fol. 126) (enfasi ta' din il-Qorti)

Minn qari ta' din ix-xhieda jirriżulta li tabilħaqq l-ammont riżultanti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, jiġifieri l-ammont ta' €88,651, ma kienx sempliċement l-ammont misluf, iżda mgħax li ġie kapitalizzat mill-inqas tliet darbiet! Hekk ukoll lanqas tirrispekkja l-verità l-klawsola fl-istess kuntratt li s-somma mislufa kienet *"bla imgħax"* ladarba skont ix-xhieda tal-istess attur l-imgħax kien jiġi maħdum bil-quddiem sabiex jifforma parti mill-kapital.

19. L-Artikolu 1844 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-persuna li tirċievi l-flus mislufa għandha trodd lura l-istess ammont ta' flus li tkun irċeviet skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas; kif ukoll fl-Artikolu 1850(1) tal-Kodiċi Ċivili, jingħad li l-partijiet f'kuntratt ta' self jistgħu jaqblu li għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet fuq l-ammont misluf; filwaqt li l-Artikolu 1850(2) jipprovdi li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena u l-Artikolu 1850(3) jipprovdi li kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet ma jiswiex. Iżda dan l-Artikolu jrid jinqara flimkien mal-Artikolu 1142. Dan l-Artikolu 1142 jipprovdi li l-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-liġi, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk, jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed

u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta’ mhux anqas minn sena.

20. Kif ingħad fis-sentenza ta’ din il-Qorti, tas-7 ta’ Ottubru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Costantino Abela v. George Azzopardi,** fejn saret referenza għas-sentenza **Francis Xavier Aquilina v. Carlo Leone Ganado et:**

> *“… biex jghaddu l-imghaxijiet fuq imghaxijiet gà maghluqa, jenhtieg fl-ewwel lok li, kif jipprovdi t-test Ingliz ta’ l-artikolu 1185 [illum l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili], ‘interest be due for a period of not less than one year’, - ..,. Inoltre, jenhtieg ukoll jew: (a) li l-partijiet ikkoncernati jkunu ftehmu li jithallsu l-imghaxijiet komposti wara li jkunu ghalqu l-imghaxijiet originali - cirkostanza din però li ma tirrikorrix fil-kaz in ezami; jew inkella (b) li l-kreditur ikun sejjah lid-debitur biex ihallas l-imghaxijiet komposti permezz ta’ talba gudizzjarja ghaldaqshekk”*

Inoltre, fl-istess sentenza ssir referenza għal sentenza oħra fl-ismijiet **Concetta Vella v. Maria Grazia Caruana et (Kollez.Vol. XXI.II.357)** fejn ingħad ukoll.

> “*i lucri dei lucri non sono dovuti in difetto di una domanda ġiudizzjaria, alla quale non e’ equipollente una interpellazione con lettera ufficiale od altro atto giudiziario.”*

Kwindi t-talba għal imgħaxijiet komposti ma tistax lanqas issir permezz ta’ sempliċi ittra uffiċjali jew att ġudizzjarju ieħor li ma jkunx promotorju tal-azzjoni. Mill-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu u l-iskritturi li ġew qablu, ma jirriżultax li l-partijiet kienu waslu fi ftehim fis-sens li l-imgħax kellu jiġi kkalkulat bil-mod li fisser l-attur u lanqas jirriżulta li saret xi talba ġudizzjarja qabel il-kawża odjerna. Isegwi li l-attur ma kellu l-ebda jedd li

jimponi mgħax fuq imgħax fuq is-somma mislufa. Il-fatt li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li fuqu l-attur isejjes il-pretensjonijiet tiegħu ta' ħlas jinkludi mgħax kompost, li proprju tirriżulta mix-xhieda tal-istess attur, meta dan ma setax isir skont il-liġi, dak il-kuntratt ma jistax fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi prova tad-dejn attwalment dovut mill-konvenuti, li din il-Qorti tista' tistrieħ fuqha.

21. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Mejju, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Charles Muscat et,** l-Artikolu 1142 li japplika għall-każ ta' self, jipprojbixxi l-imgħaxijiet komposti. Il-kuntratt ta' self huwa regolat mill-Kodiċi Ċivili u l-imgħaxijiet iridu jinħadmu skont il-provvedimenti tal-istess Kodiċi u kull metodu ieħor huwa llegali. Dan il-provvediment tal-liġi huwa wieħed ta' ordni pubbliku li ma jistax jiġi njorat. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenuti jimmerita li jiġi milqugħ, peress li jirriżultaw raġunijiet gravi biżżejjed sabiex din il-Qorti twarrab dak li jingħad fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, ladarba jirriżulta li s-somma hemm ddikjarata bħala dovuta, hija tinkludi mgħax kalkulat b'metodu ta' komputazzjoni li ġie miżjud mal-ammont misluf li jmur kontra l-provvedimenti tal-liġi.

22. Fir-rigward tat-tieni aggravju, għandu jingħad mal-ewwel li, jitqies li l-konvenuti appellanti m'għandhomx raġun f'dan il-każ. Għandu raġun l-attur appellat meta jingħad minnu li jekk kemm-il darba l-konvenuti riedu

li tiġi kkontestata l-firma tal-konvenuta fuq l-istess kuntratt, huma kellhom jew jinkarigaw huma stess jew jitolbu lill-Qorti li jinħatar espert fil-kaligrafija sabiex isostnu t-teżi tagħhom li l-firma fuq dak il-kuntratt ma kenitx tal-konvenuta. Wara kollox, il-prinċipju ta' min jallega jrid jipprova u l-obbligu tal-partijiet li jressqu l-aħjar prova torbot liż-żewġ partijiet fil-kawża. Dan apparti li, mix-xhieda in kontroeżami tal-konvenut, jirriżulta li huwa għaraf il-firma tiegħu fuq il-kuntratt tal-15 ta' Frar, 2012 u dan ġie mtenni minnu għal xejn inqas minn tliet darbiet (ara fol. 236, 238 u 241) mentri l-kontestazzjoni jingħad minnu li kienet fir-rigward tal-firma tal-mara fuq l-istess skrittura. Dan imur kontra li ngħad mill-konvenut fl-affidavit tiegħu. Hekk ukoll, il-konvenuta ma kenitx konsistenti fix-xhieda tagħha, hekk kif fl-affidavit tagħha (a fol. 206) hija tgħid li l-firma fuq il-kuntratt tal-15 ta' Frar, 2012, mhix tagħha, mentri in kontroeżami tixhed li l-firma fuq il-kuntratt tal-2012 tidher li hija tagħha u li hija ma kenitx iffirmat il-kuntratt tas-sena 2010 (ara fol. 247 u 248). Isegwi li din il-Qorti ma ssibx raġuni valida għaliex għandha tilqa' dan it-tieni aggravju.

23. Imiss li jiġi trattat it-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti, li jitratta l-imgħax, ir-rata applikabbli, minn meta jibda jiddekorri u kif għandu jiġi komputat. Jibda billi jiġi osservat li, kemm mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, kif ukoll minn kull skrittura oħra bejn il-kontendenti fil-kawża esebiti in atti, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda provvediment dwar dak li kellu jiġri f'każ li l-konvenuti jkunu morużi fil-ħlas u lanqas jirriżulta ftehim

dwar ir-rata ta' mgħax u minn meta dan kellu jibda jiddekorri. Barra minn hekk, għalkemm jirriżulta li kull ftehim donnu kien jikkonċedi perjodu fejn ma kellu jitħallas l-ebda imgħax, effettivament kif ingħad qabel, dan l-imgħax jirriżulta komputat bil quddiem u miżjud mal-kapital, ħaġa li kif rajna ma setgħet qatt issir. Il-pretensjonijiet tal-attur huma fis-sens li l-imgħax kellu jiġi komputat bir-rata ta' 8%.

24. F'għajnejn din il-Qorti ma hemmx dubju li s-self magħmul mill-attur kien wieħed oneruż u mhux wieħed gratuwitu. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Iris Dalmas v. Ronnie German et,** deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005,

> *"... is-self in ezami ma jirrizultax minn xi volonta` tal-partijiet li kien wiehed gratuwitu izda pjuttost oneruz. Meta hu hekk is-self jassumi karattru ta` kuntratt bi pretensjonijiet korrispettivi. Dan minhabba l-obbligu tal-mutwatarju li jhallas lill-mutwant, bhala korrispettiv ghall-godiment koncess, l-interessi jew kumpens konvenut. Dan johrog car mid-dispost ta` l-Artikolu 1842 u 1850 (1) tal-Kodici Civili ;*
>
> *Issa l-appellanti, kif rifless fil-korp ta` l-appell taghhom jirrikorru ghad-dispost ta` l-Artikoli 1078 u 1849 ta` l-istess Kodici Civili. Dak ta` l-ewwel jirreferi ghaz-zmien ta` l-ezekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni ossija tar-restituzzjoni tas-self mentri t-tieni artikolu jahseb ghas-sitwazzjoni fejn ma jkunx miftiehem imghax fuq is-self ; Kif gja ntqal is-self hu kuntratt oneruz u allura hemm l-obbligu tar-restituzzjoni. Huwa wkoll kuntratt ghal zmien.*
>
> *Dan iz-zmien jista` jkun miftiehem u jista` wkoll ma jkunx.*
>
> *...*
>
> *A contrariu sensu jfisser illi meta jkun hemm zmien miftiehem tibda d-dekorrenza ta` l-imghaxijiet.*
>
> *...*

> *Ghall-iskop tad-dekorriment ta` l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore dieseguire la sua obbligazione" (Kollez. Vol. XVI P I p 84)."*

25. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li l-attur interpella lill-konvenuti għall-ewwel darba fit-13 ta' Frar, 2018, li għalkemm mhix ippreżentata fl-atti, mis-sistema tal-*eCourts* tal-Qorti tirriżulta debitament notifikata lilhom fl-20 ta' Frar, 2018. Kwindi huwa ritenut li l-imgħaxijiet kellhom jiskattaw mit-13 ta' Frar, 2018 (u mhux kif jingħad mill-attur appellat fir-risposta tal-appell li minn din id-data tiskatta l-kapitalizzazzjoni tal-interessi). Dan jingħad ukoll peress li, kunsidrat li s-self in eżami ma jitqiesx li huwa obbligazzjoni kummerċjali, għandu japplika l-Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi r-regola li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinnhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Hekk ukoll, għandhom raġun il-konvenuti appellanti, meta jgħidu li l-liġi tipprovdi li jekk min jissellef jobbliga ruħu li jħallas l-imgħaxijiet mingħajr ma tiġi miftehma r-rata, l-imgħax jitqies bil-5% (Artikolu 1854 tal-Kodiċi Ċivili) in kwantu mill-iskritturi in atti ma tirriżulta pattwita l-ebda rata ta' mgħax. Fir-rigward tal-ilment tal-konvenuti appellanti taħt dan l-aggravju, dwar li m'għandhomx jiddekorru interessi fuq interessi, jitqies li dan l-ilment ġie ndirizzat estensivament taħt l-ewwel aggravju u ma hemmx bżonn li jiġi mistħarreġ ulterjorment.

26. Isegwi li għandhom raġun il-konvenuti appellanti meta jgħidu li l-kalkoli kif ippreżentati mill-attur appellat fir-rendikont anness mar-rikors promotur mhuwiex wieħed siewi u għamlet ħażin l-Ewwel Qorti meta straħet fuqu. Għalkemm tabilħaqq din il-Qorti wkoll tqis li l-konvenuti naqsu milli jippreżentaw prospett ta' dak li fil-fehma tagħhom kien dovut, jibqa' l-fatt li din mhix raġuni tajba sabiex jiġi adottat il-prospett ippreżentat mill-attur, li kif osservat huwa wieħed kompletament żbaljat, in kwantu bbażat fuq prinċipji li jmorru kontra dak li tipprovdi l-liġi. Hekk per eżempju, meta wieħed josserva l-prospett ippreżentat mill-attur, jirriżulta li ġew kalkolati nteressi bejn is-sena 2012 u 2015 meta lanqas biss kienet għadha saret interpellazzjoni uffiċjali, jew li ma' kull pagament imwettaq mill-konvenuti, kienet issir il-komputazzjoni tal-imgħaxijiet dovuta fuq medda ta' ġranet. Isegwi li dan il-prospett mhuwiex wieħed li fuqu l-Qorti tista' tistrieħ jew taċċetta li jsostni l-pretensjonijiet tal-attur u għalhekk ser tilqa' wkoll it-tielet aggravju.

27. Fir-rigward tar-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti, jitqies xieraq li jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova f'kawża fejn kreditur qiegħed jippretendi ħlas mingħand id-debitur, huwa proprju fuq l-attur. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Kaptan Stojsic Branislav v. Philip Degiorgio et** (kkonfermata minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2023):

> *"Bħala kreditu imiss lill-attur li jipprova l-ħolqien tad-debitu, li dan id-debitu għadu dovut u li d-debitur baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss*

*meta tiġi mwettqa u sodisfatta din il-prova li mbagħad il-piiż tal-prova jdur fuq il-konvenut li jallega l-ħlas. Dan skont il-prinċipju li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu:*

*"Qua kreditrici, l-attriċi hi fid-dmir li tipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitriċi tagħha baqgħet inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tieghu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, 'fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, ċioe`, l-attur l-esiġibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolvitur - Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970".*

28. Ghalhekk, għalkemm l-attur f'din il-kawża meta xehed permezz tal-affidavit irrefera għas-self oriġinali li sar minnu lill-konvenuti, fis-sena 2007 fl-ammont ta' Lm25,800, meta wasal biex jixhed b'referenza għall-ammont misluf oriġinarjament, ma setax jgħid bi preċiż kemm kien l-ammont misluf. Anzi, kif osservat qabel, in kontroeżami kkonċeda li s-somma ta' Lm25,800 kienet tinkorpora fiha mgħax ta' sena u nofs u li kellu bżonn jaħdem l-ammont misluf b'lura! (ara fol. 128). Għalhekk isemmi s-somma attwalment mislufa fl-ammont ta' madwar Lm23,000 u li minn dan l-ammont ma tħallas xejn. Barra minn hekk, l-attur jixhed li bejn dik l-iskrittura u dik tal-2010, huwa kien silef lill-konvenuti Lm4,000 oħra, li minnha l-konvenuti wettqu xi pagamenti. Madankollu, rendikont ta' dawn il-pagamenti ma kellux. Meta waslu għall-iskrittura tas-sena 2010, mas-somma ta' Lm25,800 (ekwivalenti għal €60,097.83) żdied il-bilanċ tal-ammont misluf ta' Lm4,000, kif ukoll l-imgħax ta' sitt xhur, sabiex skont dik l-iskrittura l-ammont dovut issa tela' għal €74,000. Bejn

l-iskrittura tal-2010 u l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu l-attur jixhed li silef lill-konvenut €1,000 sabiex ikun jista' jagħmel kors, kif ukoll €7,000 f'żewġ okkażjonijiet kull darba. Il-flus kollha jingħad li l-attur għaddihom lill-konvenut fi flus kontanti u dan dejjem kienu jingħaddu quddiem ix-xhud John Mallia. Dan kollu wassal għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-15 ta' Frar, 2012, fl-ammont ta' €88,651.

29. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti konsistentement isostnu li l-ammont oriġinarjament misluf kien dak ta' LM15,000, (ekwivalenti għal €34,940.60) - ara xhieda in subizzjoni tal-konvenut a fol. 57 u dik in kontroeżami a fol. 232) kif ukoll ammont ulterjuri ta' €1,000, total ta' €35,940.60 u d-differenza bejn dan l-ammont u dak mitlub mill-attur huma kollha interessi b'rata lil hinn minn dak li tippermetti l-liġi. Il-konvenuta tikkonferma dan kollu.

30. Mentri x-xhud John Mallia, għalkemm permezz tal-affidavit jixhed li l-partijiet ftehmu li s-self oriġinali kellu jkun ta' Lm25,800 u jikkonferma li l-attur kien silef somma ulterjuri ta' Lm4,000, apparti €1,000 oħra lill-konvenut, sabiex jagħmel kors, iżda dan ix-xhud in kontroeżami jixhed li filwaqt huwa ta' spiss kien ikun preżenti għad-diskussjonijiet bejn il-partijiet, il-flus qatt m'għaddew quddiemu! Inoltre, magħfus jgħid jekk is-self kienx ta' Lm15,000, jgħid li ma jiftakarx sew iżda l-ammonti kienu kbar (ara fol. 87 u 88). Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li kull darba fuq kull

skrittura kienu jiżdiedu l-imgħaxijiet. Hekk ukoll in-Nutar li ħejja l-iskritturi u l-kostituzzjoni ta' debitu jixhed li huwa qatt ma kien ikun preżenti għan-negozjati bejn il-partijiet, jekk kienx hemm imgħax inkluż fl-ammont dikjarat bħala misluf ma jafx u qatt m'għaddew flus quddiemu (ara fol. 69).

31. Għandu jingħad li, apparti li l-attur innifsu jammetti li fuq is-self oriġinali kkomputa l-imgħax bil-quddiem u li ma' kull skrittura kien kull darba jżid l-imgħax mal-kapital, li jwassal għal imgħax kumulat, minkejja li ma jirriżultawx milħuqa l-kondizzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili, din il-Qorti ssib li l-attur ma rnexxilux iressaq prova sodisfaċenti tal-ammonti li jgħid li silef lill-konvenut. Dan jingħad mhux biss fil-konfront tal-ammont oriġinarjament misluf, iżda wkoll għal dawk l-ammonti ulterjuri li jingħad li huwa sellef lill-konvenuti. Għalkemm jingħad li dawn l-ammonti kienu mislufa fuq kambjali, l-attur jgħid li ma' kull skrittura dawn il-kambjali kienu jitqattgħu. Minkejja li s-self jirriżulta mill-iskritturi esebiti in atti, din il-Qorti ssib li ma tistax tistrieħ fuq l-ammonti hemm indikati, ġaladarba kif ingħad qabel, f'kull skrittura jingħad li l-ammont misluf huwa bla mgħax, mentri mill-provi rriżulta mod ieħor. Kwindi ma tqisx li dawn l-iskritturi huma daqstant ta' min joqgħod fuqhom, bħala prova tad-dejn tal-konvenuti, kif isostni l-attur appellat.

32. Hekk ukoll, fil-każ tax-xhieda tal-attur, ċertament ma tistax titqies affidabbli, hekk kif ġiet kontradetta mill-istess xhud imressaq minnu (John Mallia) li ċaħad li l-flus qatt għaddew quddiemu. Din il-Qorti tqis pjuttost inverosimili li minkejja li l-attur ma tħallas xejn fuq l-ammont oriġinarjament misluf, huwa baqa' jislef lill-konvenuti ammonti ulterjuri. Iċ-ċirkostanzi ta' kif l-ammont misluf mill-attur kompla jikber mhumiex konvinċenti. Inoltre, huwa ferm stramb kif filwaqt li l-attur jippreżenta prospett tal-pretensjonijiet tiegħu mis-sena 2015 'il quddiem, ma jagħti l-ebda rendikont tal-ammonti mislufa u komputazzjonijiet tal-imgħax bejn l-2007 u l-2015. Inoltre, l-attur lanqas ressaq xi prova indiretta, bħal per eżempju żbank tal-flus minn xi istituzzjoni bankarja sabiex isostni l-ammonti inġenti ta' flus kontanti li għadda lill-konvenuti. Isegwi li l-attur ma rnexxilux iressaq prova sodisfaċenti ta' kemm kien l-ammont ta' flus li oriġinarjament silef lill-konvenuti. Dan kollu iressaq lil din il-Qorti li tasal li temmen lill-konvenuti meta jgħidu li l-iskritturi saru b'ammonti ta' flus fittizji fejn l-ammonti hemm indikati bħala mislufa, huma somom minfuħa sabiex jgħattu l-imgħax b'użura u għalhekk l-ammont ta' self iddikjarat fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa wieħed simulat.

33. Għalkemm huwa minnu li kif ingħad mill-attur appellat, li l-konvenuti ffirmaw l-iskritturi privati, fejn ikkostitwixxu ruħhom bħala debituri tal-attur fl-ammonti hemm indikati, filwaqt li sar ukoll kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-kontendenti fil-kawża u ġaladarba n-Nutar qara u spjega l-

kontenut tagħhom setgħu ma jiffirmawhomx, jew jitolbu korrezzjoni, dan ma jfissirx li l-kuntratt huwa wieħed legalment validu. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Ciappara et noe v. Francis Mifsud et noe** (ikkonfermata minn din il-Qorti fid-29 ta' Frar, 2008):

> *"Jinsab ritenut li "Fil-kaz ta' uzura gie dejjem ritenut illi l-obbligazzjoni hija illecita ghall-mutwant ghaliex il-vjolazzjoni tad-divjet tal-ligi hija maghmula unikament a favur tieghu u kontra l-interessi tad-debitur, li hafna drabi jekk mhux dejjem ikollu joqghod kontra l-volonta` tieghu" [App.C. Carmelo Lia vs Emanuel Genovese][2] "Kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jasal ghall-fini tieghu li jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" [QK Louigi Formosa vs Antonia Gatt][3]*
>
> *...Illi dak li hu projibit mill-ligi ma jista' qatt jigi legalment accettat anke jekk kamuffat taht xi forma guridika li fl-apparenza taghha tkun tidher li hi valida. Fi kliem iehor, u konformament mal-princicpji fuq citati, jekk ftehim ikun in toto jew in parte bazat fuq kawza illecita jew illegali, dan ma jistax jassumi ebda validita` fil-ligi semplicement ghax jissejjah "Kostituzzjoni ta' debitu"."*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, dak li huwa espressament ipprojbit mil-liġi ma jista' qatt jitqies validu. Kif ingħad fis-sentenza hawn appena ċitata, l-użura hija llegali u riżultat ta' dolo u l-prova tista' ssir bi kwalunkwè mezzi. F'dan il-każ ukoll, jirriżultaw indizji u ċirkostanzi li din il-Qorti taċċetta bħala prova tal-użura. Isegwi li r-raba' aggravju wkoll jimmerita li jiġi milqugħ.

[2] Deċiż 4.03.1938
[3] Deċiż 20.02.1934

34. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju. Ġaladarba fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fl-aħħar aggravju, din il-Qorti ma tqisx li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu suġġett tal-kawża jirrifletti s-somma attwalment mislufa lill-konvenuti, din il-Qorti tqis li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed kif imfisser qabel, sabiex l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti jiġi rivedut kif ser jingħad. L-ammont li ġie attwalment ippruvat bħala misluf lill-konvenuti huwa dak l-istess ammont li l-konvenuti appellanti aċċettaw bħala misluf lilhom, jiġifieri l-ammont ta' Lm15,000, ekwivalenti għal €34,940.60 (filwaqt li l-ammont ta' €1,000 ukoll mislufa mill-attur għall-kors li ried jagħmel il-konvenut jirriżulta qbil li dawn tħallsu - ara fol. 25). Fuq l-ammont ta' €34,940.60 għandu jiddekorri l-imgħax ta' 5% minn dik id-data li saret l-interpellazzjoni lill-konvenuti permezz tal-ittra uffiċjali, tat-13 ta' Frar, 2018, u dan sad-data tal-lum (peress li mid-data ta' din is-sentenza jiskatta l-imgħax bit-8%). B'dan illi, għandhom jitnaqqsu l-pagamenti kollha li jidher li huma maqbula bejn il-partijiet li saru fl-ammont ta' €23,000, (kif riżultanti mill-prospett tal-attur, kif ukoll minn Dok. AF11 esebit mill-konvenut).

35. Jonqos il-kwistjoni tal-kontro-talba. L-Ewwel Qorti astjeniet milli tqis il-kontro-talba tal-konvenuti fid-dawl tal-fatt li qieset li minħabba karenza ta' provi, li wasslu għaċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, in kwantu ma qisetx li l-kuntratti huma naxxenti minn kawża lleċita u għalhekk ma rritenietx li kien hemm lok li l-kontro-talba u l-eċċezzjonijiet

tal-attur, jiġu kkunsidrati ulterjorment. Kunsidrat il-fatt li ser jiġi milqugħ f'parti l-appell tal-konvenuti, peress li din il-Qorti tqis li jirriżultaw ippruvati kemm l-użura, kif ukoll li ġie applikat l-imgħax kompost meta ma kienx hemm lok li hekk isir, tqis li l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw li l-kostituzzjoni ta' debitu tal-15 ta' Frar, 2012, kienet imsejsa fuq kawża illeċita.

36. L-Artikolu 1852(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija; l-Artiklu 986 (2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li huwa żejjed; filwaqt li skont l-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili, l-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha l-ebda effett. Il-Qrati tagħna dejjem irritenew li l-konvenzjoni affetta bl-użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut. (Ara **Joseph Mary Farrugia v. Gontran Borg noe**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Novembru 1985, Kollez. Vol. LXIX.IV.526. Kif ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Peplow v. Ferdinando Galea** deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 1955, Kollez. Vol. XXXIX.I.366, kif ukoll s-sentenza fl-ismijiet **Julia Borg et v. Carmel Brignone** ċitata mill-Ewwel Qorti). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti jistħoqqilhom li jiġu milqugħa, in kwantu jeħtieġ li ssir korrezzjoni għall-kuntratt tal-

kostituzzjoni ta' debitu tal-15 ta' Frar, 2012, sabiex dan jirrifletti l-ammont ta' €34,940.60, bħala s-somma ta' self aċċertata minn din il-Qorti.

37. L-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-attur għall-kontro-talba tal-konvenuti għandhom għalhekk jiġu miċħuda. Mentri fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-attur msejsa fuq l-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili, dwar il-preskrizzjoni ta' ħames snin fil-każ ta' azzjoni għal rexxissjoni, kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu, 1955, fl-ismijiet **Joseph Peplow v. Ferdinando Galea**:

> *"Is-sentenzi hemm ċitati huma dik ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru, 1876 in re "Psaila vs. Psaila" (kollez. Vol. VII, pag.635) li rriteniet "che non è applicabile al caso la prescrizione di cinque anni contemplata nell' articolo 932 dell-Ordinanza no. VII del 1868 (illum 1268), perchè in quell'articolo si tratta di rescissione di una obbligazione, e nel presente caso stante la detta nullita assoluta, non vi è stata alcuna obbligazione." Sentenza oħra ta' din il-Qorti (Appell Inferjuri) tal-14 ta' Diċembru, 1935, in re "Zammit vs' Zahra", irriteniet* ***li l-preskrizzjoni kontra "le materie che appartengono all'ordine pubblico (bħal dik tal-użura in eżami) non è ammissibile;"***
> *(enfasi ta' din il-Qorti)*

Isegwi li b'applikazzjoni tal-istess prinċipji, lanqas din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-attur rikonvenzjonat ma tista' tirnexxi.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tilqa' l-appell tal-konvenuti f'parti u għalhekk :

(i) tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tas-27 ta' Mejju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi u minflok

(ii) (ii) tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tiċħad it-talbiet tal-attur għar-raġunijiet hawn qabel spjegati, in kwantu l-ammont dovut mill-konvenuti skont il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-15 ta' Frar, 2012, huwa ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) b'dan illi għandhom jiġu kalkolati l-imgħaxijiet bil-5% fuq l-imsemmija somma mit-13 ta' Frar, 2018 sal-lum u titnaqqas minnha s-somma ta' tlieta u għoxrin elf ewro (€23,000) rappreżentanti ħlasijiet magħmula akkont. Bl-imgħax ta' 8% fuq il-bilanċ mid-data ta' din is-sentenza;

(iii) tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attur għall-kontro-talba tagħhom, inkluż dik tal-preskrizzjoni;

(iv) tiddikjara li l-ammont iddikjarat fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-15 ta' Frar, 2012 mhuwiex dovut fl-intier, iżda huwa dovut limitatament l-ammont ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60);

(v) konsegwentement tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu sabiex tirrifletti dan

l-ammont ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60);

(vi) tikkundanna lill-attur sabiex jaddivjeni għall-kuntratt pubbliku sabiex issir il-korrezzjoni u r-riduzzjoni tal-ammont ta' kostituzzjoni ta' debitu, magħmul bil-kuntratt tal-15 ta' Frar, 2012, u tal-ammont tal-ipoteki relattivi iskritti b'rabta mal-istess kuntratt;

(vii) tinnomina lin-Nutar Marco Farrugia sabiex jippubblika l-att korrettorju relattiv fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza fid-data, ħin u post minnu indikat; u

(viii) tinnomina lill-Avukat Julia Micallef Stafrace bħala kuratur sabiex tidher għall-kontumaċi jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu inkwantu għas-sehem ta' tliet kwarti (3/4) mill-attur Rosario Cortis u kwart (1/4) mill-konvenuti konjuġi Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr